# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmienja (8) ta' Frar 2022**

**Rikors Numru 153/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Alfred Pirotta (731749M) u Theresa Pirotta (319646M)**

**vs**

**Anthony Zarb (359588M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

   1. *Illi f'Ottubru tas-sena 2018 l-esponenti ftehmu mal-konvenut Anthony Zarb sabiex iwettaq xogħol ta' alterations fil-propjeta' residenza tagħhom f'120, Triq Leli Falzon, Naxxar, in linea mal-permess maħruġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar bin-numru PA/05565/18;*

   2. *Illi mal-ftehim, l-esponenti ħallsu lill-appaltatur u ċioe lill-konvenut Anthony Zarb, is-somma ta' sbatax-il elf u mitejn ewro (€17,200) liema somma kellha tirrappreżenta nofs il-ħlas totali u għal dan il-ħlas il-konvenut Zarb ħareġ 2 irċevuti li qed jiġu annessi u mmarkati Dok A;*

   3. *Illi erbgħa xhur wara, hekk kif ix-xogħol kien għadu ma bediex, fuq insistenza tal-esponenti, il-partijiet iffirmaw dikjarazzjoni qasira, liema dikjarazzjoni qed tiġi annessa u mmarkata Dok B, li tistipola li l-esponent Alfred Pirotta għadda lill-konvenut Zarb is-somma ta' €17,200 liema somma għandha tiġi mgħoddija lura jekk għal diversi raġunijiet ma jkunx jista' jitkompla l-proġett;*

4. *Illi għal diversi raġunijiet imputabbli għall-konvenut u diversi raġunijiet validi oħra, dan ix-xogħol qatt ma beda u dan kif se jiġi ippruvat fit-trattazjoni tal-kawża;*

5. *Illi eventwalment, għar-raġunijiet validi li se jiġu ippruvati fit-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti Pirotta infurmaw lill-konvenut Zarb illi kienu qed jitterminaw il-ftehim ta' bejniethom u dan ukoll kif inhu bi dritt tagħhom ai termini tal-artikolu 1640 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u talbuh irodd flushom lura;*

6. *Illi meta l-esponenti Pirotta avviċinaw lill-konvenut Zarb sabiex irodd lura l-flus lilu mħallsa, dan ripetutament irrifjuta, minkejja li verbalment f'xi okkażjonijiet wiegħed li se jħallas lura;*

7. *Illi l-atturi intavolaw ittra uffiċjali ai terimini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 90/2019 fejn talbu r-radd lura tal-flus, liema ittra uffiċjali ma ġietx notifikata minkejja diversi tentattivi; (kopja hawn annessa u mmarkata Dok C)*

8. *Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u għalhekk qiegħda tiġi ppreżentata din il-kawża;*

   *Għaldaqstant l-esponenti umilment qiegħdin jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja u mogħtija kull dikjarazzjoni u provvediment opportun:*

   i. *Tiddikjara li l-appalt ġie terminat mill-esponenti Pirotta għal raġunijiet validi u imputabbli għall-konvenut;*

   ii. *Tiddikjara li l-konvenut Anthony Zarb huwa debitur tal-esponenti Pirotta fis-somma ta' sbatax-il elf u mitejn ewro (€17,200) jew fin-nuqqas ta' dan, tillikwida kwalunkwe somma oħra verjuri li jidrilha xierqa;*

   iii. *Tordna lill-konvenut iħallas lura is-somma ta' sbatax-il elf u mitejn ewro (€17,200) jew kwalunkwe somma verjuri kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;*

   *Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali 90/2019 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li min issa huwa inġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fil-15 ta' Marzu 2021, il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għall-24 ta' Mejju 2021.

3. Rat illi Anthony Zarb ġie notifikat bir-rikors u l-appuntament għas-smiegħ fit-2 ta' Ġunju 2021. (fol 21)

4. Rat illi fid-29 ta' Settembru 2021, meta ssejjħet il-kawża, l-intimat u/jew il-konsulent legali tiegħu ma dehrux, w l-intimat ġie dikjarat bħala kontumaċi.

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Alfred Pirotta** mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022.

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Therese Pirotta** mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022.

7. Rat illi fil-25 ta' Jannar 2022 ġew ippreżentati l-kapitolu bid-domandi in subizzjoni fil-konfront ta' l-intimat, sabiex jirrispondi għalihom fis-seduta ta' wara, u dan a tenur tal-Artikolu 699 (1) tal-Kap 12.

8. Rat illi fit-3 ta' Frar 2022, meta ssejjħet il-kawża, l-intimat imsejjaħ diversi drabi, baqa' ma deherx, u għalhekk id-domandi in kapitolu ġew meqjusa bħala ammessi mill-Qorti.

9. Rat illi fit-3 ta' Frar 2022, ir-rikorrenti għarrfu illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

10. Rat illi fit-3 ta' Frar 2022, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tal-kontumaċi, wara liema sottomissjonijiet il-kawża tiġi differita għas-sentenza.

11. Rat illi fis-seduta ta' llum, 8 ta' Frar 2022, meta ssejjħet il-kawża, l-intimat Anthony Zarb ma deherx u lanqas ġew ippreżentati sottomissjonijiet da' parte tiegħu.

12. Rat illi għalhekk il-Qorti tista' tipproċedi biex tagħti s-sentenza finali tagħha.

13. Rat illi, abbażi tad-domandi in subizzjoni meqjusa ammessi mill-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Frar 2022, kif ukoll abbażi tax-xhieda tar-rikorrenti mogħtija fil-11 ta Jannar 2022, il-Qorti tara illi ma hemm ebda raġuni valida fil-Liġi biex it-talba kif redatta mir-rikorrenti ma tiġix milqugħa kif mitlub.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement;

**Tiddikjara** li l-appalt mogħti lill-intimat Anthony Zarb f'Ottubru 2018 mir-rikorrenti Alfred u Teresa Pirotta ġie terminat mir-rikorrenti Pirotta għal raġunijiet validi u imputabbli unikament għall-konvenut;

**Tiddikjara** li l-konvenut Anthony Zarb huwa debitur tal-esponenti Pirotta fis-somma ta' sbatax-il elf u mitejn ewro (€17,200);

**Tikkundanna** lill-konvenut Anthony Zarb iħallas lir-rikorrenti Alfred u Teresa Pirotta is-somma ta' sbatax-il elf u mitejn ewro (€17,200), u dana għar-raġunijiet fuq indikati;

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**